**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Cassar**

**Illum 14 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Cassar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 420959M billi hija akkuzata talli nhar it-8 ta' Mejju 2015 gewwa Misrah San Gwann, il-Belt Valletta:

1. Bhala sid ta' negozju jew stabbiliment, naqas milli jikseb permess minghand l-Awtorita kompetenti, meta kellu l-intenzjoni li jaghmel trattament ta' skart.
2. Bhala sid, jew il-persuna nkarigata mill-vettura bin-numru EAU-264, halla li l-vettura tintuza ghal-finijiet ohra barra dawk li ghalihom hija licenzjata.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Il-kaz hu dwar garr ta' skart b'vettura mhux awtorizzata ghal dan l-iskop. Jirrizulta li s-Segretarju Ezekuttiv tal-Belt Valletta Gabriella Agius fit-8 ta' Mejju 2015 kienet qieghda takkumpanja delegazzjoni barranija fil-Belt kapitali ta' pajjizna meta nnutat vettura b'numru ta' xkejjer tal-iskart fuqha u persuna tghaffeg l-istess xkejjer. Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet rapport dwar il-kaz u dan anke wara li hadet ritratti ta' dak li kien qieghed isehh.

Mix-xhieda jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda rabta kuntrattwali mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex jigbor skart domestiku mill-istess Belt. Dan ikkonfermatu s-Segretarju Ezekuttiv stess waqt ix-xiehda taghha.

Mill-affidavit tar-Rapprezentant ta' Transport Malta Stephen Cachia jirrizulta li l-imputat kellu licenzja biex isuq vettura.

Il-Qorti tinnota li l-vettura li ritratti taghha jinsabu esebiti fil-process mhix wahda li ggor skart domestiku.

Il-Qorti tfahhar l-hidma tal-Kunsill Lokali tal-Belt u l-impjegati tieghu li jaghmlu sforz genwin biex bir-rizorsi limitati taghhom izzommu l-Belt Kapitali taghna fl-ordni u l-indafa.

L-imputat ghazel li jibqa' sieket kif ghandu dritt jaghmel waqt li kien qieghed jinstema' l-kaz u lanqas ipprezenta xi document li juri li kellu xi licenzja jew permess li tawtorizzah biex jigbor l-iskart bil-vettura EAU-264.

Il-Qorti tirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija (Spt. Emanuel Cassar u Spt. Pierre Calleja vs Nazzareno sive Reno Zarb** tat-22 ta' Frar, 1993 fejn il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imhallef Carmel A. Agius rriteniet li *"huwa veru li l-imputat jew akkuzat mhux obbligat li jixhed u mhux obbligat li jgib provi in proprja difesa, izda huwa veru li jekk il-provi li jkun hemm ikunu jitkellmu wahedhom jew inkella jekk ma jkunux daqstant cari joholqu dik il-bidu ta' prova illi jekk ma tigix kontrobattuta ssir konvincenti u konklussiva fiha nnifisha, l-istess imputat jew akkuzat ma jkunx jista' jippretendi illi s-skwiet tieghu, jew il-passivita' tieghu, meta jkun ovvju, jista' ma jittihidx in konsiderazzjoni."*

## Decide:

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat dawk ta' ksur tar-Regolamenti 19 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.37 u Regolament 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, filwaqt li tilliberah mill-ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundanna lill-imputat Joseph Cassar ghall-multa ta' elf, mija u hamsa u sittin Ewro (€1,165).

______________________

**Ft./Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Vera Kopja

______________________

Margaret De Battista
Deputat Registratur